



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8661/22

LIMITE

CORLX 412
CFSP/PESC 576
RELEX 570
COEST 357
FIN 503

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja
fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006¹.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/...²⁺ tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet biex jiġu implementati aktar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022 wara l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni militari mhux aċċettabbli u illegali Russa kontra l-Ukraina, li skont id-dritt internazzjonali tikkwalifika bħala att ta' aggressjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... ta' ...li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L ..., ..., 5.2022, p. ...).

⁺ [ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta d-dettalji u r-referenza tal-publikazzjoni għad-Deċiżjoni fid-dokument ST 8658/22]

- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jeħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali. Konsegwentement, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... [ĠU, jekk jogħġbok ikkompleta d-dettalji tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 8658/22] espandiet il-lista ta' entitajiet soġġetti għal restrizzjonijiet fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ogħetti u teknoloġija b'użu doppju u ogħetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha. Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...[ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta d-dettalji tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 8658/22] tespanni wkoll il-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu Belarussi u s-sussidjarji Belarussi tagħhom soġġetti għal miżuri restrittivi fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati.

- (5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1zb huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1zb

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkti fl-Anness XV jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' xi waħda mill-entitajiet elenkti fl-Anness XV.
2. Għal kull persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness XV, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika sa mid-data imsemmija għaliha f'dak l-Anness. Il-projbizzjoni għandha tapplika minn dik l-istess data għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettamente proprjetà ta' xi waħda mill-entitajiet elenkti fl-Anness XV.”;

- (2) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni, inkluż fejn xieraq pieni kriminali, applikabbi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat ta' tali ksur.”;
- (3) L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
- (4) L-Anness XV għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum eara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I

“ANNESS V

**LISTA TA’ PERSUNI FIŻIĊI JEW ĠURIDIĊI MSEMMLJA
FL-ARTIKOLI 1e(7), 1f(7) U 1fa(1)**

Il-Ministeru tad-Difiża tal-Belarussja

140 Repair Plant JSC

558 Aircraft Repair Plant JSC

2566 Radioelectronic Armament Repair Plant JSC

AGAT - Control Systems - Il-Kumpanija Maniġerjali ta’ Geoinformation Control Systems Holding,
JSC

AGAT - Electromechanical Plant OJSC

AGAT - SYSTEM

ATE - Engineering LLC

BelOMO Holding

Belspetsvneshtechnika SFTUE

Beltechexport, CJSC

BSVT-New Technologies

Id-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Gomel

Truppi Interni tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Belorussja


KGB Alpha

Kidma Tech OJSC

Minotor-Service

Minsk Wheeled Tractor Plant

Oboronneye Initsiativy LLC



OJS KB Radar Managing Company


Peleng JSC

L-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja

Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja

Transaviaexport Airlines JSC

Volatavto OJSC”,



ANNESS II

'ANNESS XV

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1zb

Isem il-persuna ġuridika, entità jew korp	Data tal-applikazzjoni
Belagroprombank	20 ta' Marzu 2022
Bank Dabrabyt	20 ta' Marzu 2022
Development Bank of the Republic of Belarus (Bank għall-Iżvilupp tar-Repubblika tal-Belarussja)	20 ta' Marzu 2022
Belinvestbank (Bank Belarussu għall-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni)	[ĠU: jekk jogħġebok daħħal data 10 ijiem kalendarji wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendantorju]